**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Seduta tat-28 ta' Settembru 2015**

**Rikors Numru 325/2013**

**Alfred Vella**

**Vs**

**(1) Ministru tal-Gustizzja u tal-Intern u b'digriet tas-17 ta' Marzu 2014 il-kliem "Ministru tal-Gustizzja u tal-Intern" gie sostitwit bil-kliem "Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja u Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali" u b'ordni tat-Tribunal tat-28 ta' Settembru 2015 il-kliem "Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja" gie korrett ghal "Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali"**
**(2) Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Alfred Vella**ipprezentat fis-16 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta` ittra mibghuta mill-Assistent Kummissarju Andrew Seychell fit-13 ta` Novembru 2013, l-appellant Alfred Vella gie infurmat illi l-applikazzjoni ghat-tigdid ta` licenzja ta` Gwardjan Privat u Irtirar tal-istess licenzja, l-appellant gie infurmat illi t-tigdid tal-istess licenzja ma gietx milqugha u dan ai termini tal-artikolu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi r-rikorrent hass ruhu aggravat minn dina d-decizjoni u ghalhekk qed jinterponi dan l-umli appell quddiem dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi l-appellant kien applika u ottjena licenzja ta` Gwardjan Privat u l-istess appellant hadem bhala 'Security' fl-imghoddi u ricentement mar sabiex igedded l-istess licenzja.*

*Illi skont il-ligi l-esponent kellu l-licenzja ta` Gwardjan Privat u ghamel talba sabiex din terga' tiggedded izda din giet irrifjutata [Dok. 'A'] u dana ghaliex il-Kummissarju tal-Pulizija hass li hu fl-interess pubbliku li jaghmel hekk u ma jgeddidx il-licenzja ta` Gwardjan Privat lir-rikorrent.*

*Illi m`hemmx dubju li tali decizjoni amministrattiva mehuda mill-Kummissarju tal-Pulizija hija wahda ingusta, irragjonevoli u bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti, kif ukoll sproporzjonata u dana hekk kif ser jipprova l-istess rikorrent waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.*

*Illi ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jhassar tali decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija [Dok. 'A'] u tinhareg il-licenzja relattiva lir-rikorrent u dana ghaliex m`hemm xejn kontra l-interess pubbliku li r-rikorrent jinghata tali licenzja.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-esponenti jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

1. *Jiddikjara, in linja ta` revizjoni, li d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 13 ta` Novembru 2013 ghandha tigi mhassra u dana ghar-ragunijiet suindikati;*

2. *Jordna lill-intimati jew min minnhom halli dawn igeddu l-licenzja ghall-Gwardjan Privat lir-rikorrent;*

3. *Jordna kwalunkwe provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta **tal-Onorevoli Segretarju Parlamentari tal-Gustizzja, tal-Onorevoli Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali u tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 21 ta' Jannar 2014 li permezz taghha eccepew s-segwenti:-

1. *"ILLI fl-ewwel lok u in linea preliminari, għal kull buon fini, jiġi rilevat illi sal-lum, għadha ma saret l-ebda notifika ta` dan ir-rikors lill-Uffiċċju ta` l-Avukat Ġenerali ai termini tas-**subartikolu 3 ta`** l-**Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta**, u għalhekk, għalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija ġie notifikat fit-2 ta' Jannar 2014, it-terminu ta` għoxrin jum skont dan l-istess subartikolu għadu ma bediex jiddekorri ġialdarba ma saritx tali notifika;*

2. *ILLI fit-tieni lok u in linea preliminari jiġi rilevat ukoll illi l-persuna responsabbli mill-qasam tal-Ġustizzja illum huwa s-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja filwaqt illi l-persuna responsabbli mill-qasam tal-Intern huwa l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Soċjali. Illi illum il-ġurnata ma jeżisti l-ebda kariga ta' Ministru tal-Ġustizzja u Intern;*

3. *ILLI in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq premess, s-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja u l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Soċjali jeċċepixxu li ma humiex il-leġittimi kuntradditturi f'din il-kawża, stante illi d-deċiżjoni rigward jekk ir-rikorrent għandux jingħata l-liċenzja ta` gwardjan privat jew le ma taqax fil-mansjoni tagħhom u di piu` lanqas huma edotti mill-fatti tal-każ odjern. Għalhekk, għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

***<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>***

4. *Illi <u>fil-mertu</u>, u <u>mingħajr preġudizzju</u> għal dak suespost, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

5. *ILLI <u>mingħajr preġudizzju</u> l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut maħruġa mill-istess esponent fil-konfront tar-rikorrent Vella ai termini tal-**artikolu 10 (b) tal-Kap 389**. Jingħad illi l-esponent ser iġib provi fil-mori tas-smigħ ta` dan ir-rikors, li ser juru eżattament għaliex inħass illi mhux fl-interess pubbliku li tinħareġ liċenzja lir-rikorrent."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent[1] u tad-Deputat Kummissarju Andrew Seychell;[2]

Sema' x-xhieda ta' Stefan Thorarinsson,[3] tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi[4] u tal-Ispettur Ramon Mercieca;[5]

Sema' lir-rikorrent in kontro-ezami;[6]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Ra in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

## Ikkunsidra:

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 13 ta' Novembru 2013 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

---

[1] A fol. 32 sa 33
[2] A fol. 75
[3] A fol. 41 sa 42
[4] A fol. 44A sa 44C
[5] A fol. 66 sa 68
[6] A fol. 77 sa 79

*“B`riferenza ghat-tigdid ghal-licenzja tieghek ta` Gwardjan Privat, ghandi ninfurmak illi t-talba ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha ai termini tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta` Malta minhabba ragunijiet ta` interess pubbliku.*

*Ninfurmak ukoll illi jekk inti jidhirlek li ghandha tinhareg licenzja f`ismek, inti tista` tappella minn din id-decizjoni, billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz, tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Ngharrfek ukoll illi minhabba dan, il-licenzja tieghek qieghda tigi rtirata ai termini tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 389. Inti mitlub tirritorna l-karta tal-identita` ta` Gwardjan Privat fl-ufficcju taghna fi zmien gimgha mid-data tal-ittra.*

*Jekk inti jidhirlek illi m`hemmx lok ghall-irtirar tal-licenzja tieghek, ghandek dritt tappella bil-miktub lill-Ministru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi din l-ittra, u dan ai termini tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 389.”*

**Stefan Thorarinsson** xehed li huwa direttur tal-Kumpanija F.M. Core u li r-rikorrent hadem mal-istess Kumpanija minn Mejju 2011 sal-ahhar tal-istess sena bhala *premises attendant* gewwa Pender Gardens u bhala *tradesman*. Jghid li r-rikorrent kien tajjeb fuq xogholu u qatt ma kellu nkwiet mal-kollegi jew man-nies li rrikorrew ghas-servizz taghhom. Jghid li r-rikorrent ittermina l-impjieg minn maghhom peress li qalilhom li kien sab xoghol iehor eqreb lejn id-dar tieghu.

**L-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi** xehdet illi waqt li r-rikorrent kellu diga` licenzja ghal gwardjan privat huwa kien gie akkuzat talli fit-18 ta’ Mejju 2011 kien zamm u gieghel kelba ssofri ugigh, tbatija u dwejjaq minghajr bzonn apparti akkuzi ohra. Tghid li in vista tal-imputazzjonijiet li taghhom instab hati, il-Kummissarju tal-Pulizija deherlu li r-rikorrent ma kellux karattru affidabbli u ma kienx fl-interess pubbliku li jgeddidlu l-licenzja ta’ gwardjan privat. Tkompli tghid illi x-xoghol ta’ gwardjan privat huwa wiehed vast u dan johrog minn artikolu 2 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**L-Ispettur Ramon Mercieca** xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta’ *Inspector Officer in charge* mill-amministrazzjoni tal-Pulizija. Jghid li huwa kien investiga l-kaz li kien involut fih ir-rikorrent. Jistqarr illi mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta illi l-kelba maqtula kienet tal-kunjata tar-rikorrent u li tat l-istess kelba lir-rikorrent biex johodha go *dogs home* u minflok kien qatilha. Jirrizulta li wara certu zmien r-rikorrent kien ikkollabora u stqarr illi meta ha l-kelba minghand il-kunjata huwa kien sab id-*dogs home* maghluqa u ghalhekk iddecieda li joqtolha hu stess gewwa l-ghalqa tieghu. Jghid li mill-investigazzjoni li ghamel huwa tal-opinjoni illi

r-rikorrent jekk ikollu xi haga f'mohhu jasal biex jaghmilha u ghalhekk ma kienx tal-opinjoni li kien persuna affidabbli.

**Id-Deputat Kummissarju Andrew Seychell** stqarr illi huwa ffirma l-ittra tar-rifjut ghat-tigdid tal-licenzja tar-rikorrent. Bhall-ufficjali l-ohra huwa stqarr illi dan ir-rifjut kien inhareg in vista` tal-imputazzjonijiet li kellu r-rikorrent fil-konfront tieghu u li taghhom instab hati.

**Ir-rikorrent** xehed li ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs huwa kien qed jahdem xoghol ta' *maintenance* mal-Kumpanija Construct Furniture. Jghid li qabel kien jahdem bhala *security* ma F.M. Core. Precedentement kien jahdem ma' Security Services Limited. Jghid li meta gie biex igedded il-licenzja, din ma ggedditx minhabba l-kondotta tieghu u cioe` sentenza kriminali li nghatat fil-konfront tieghu fuq akkuzi ta' tajr ibbalzmat u qtil ta' annimal domestiku. Jghid li huwa ghamel li ghamel peress li ma kienx jaf li jkun hemm veterinarji miftuhin wara certu hinijiet u li hu qatt ma kellu intenzjoni li jahqar lill-kelba u ma hallihiex mal-klieb l-ohra tieghu biex ma jweggghuhiex.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Kummissarju intimat ta tlett eccezzjonijiet preliminari. L-ewwel wahda tirrigwarda l-fatt li r-rikors ma giex notifikat lill-Avukat Generali u ghalhekk it-terminu ta' ghoxrin gurnata ghar-risposta ma bediex jiddekkorri. Illi din l-eccezzjoni giet sorvolata bil-fatt illi l-intimati kollha pprezentaw ir-risposta taghhom in atti fil-21 ta' Jannar 2014.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni u cioe` rigward in-nomenklatura tal-intimati din ukoll giet sorvolata bid-digriet ta' dan it-Tribunal tas-17 ta' Marzu 2014 fejn l-istess Tribunal ordna d-debita korrezzjoni.

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni inghad li s-Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja, u l-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali ma humiex il-legittimi kontradittturi f'din il-kawza stante li d-decizjoni appellata ma taqghax fil-mansjoni taghhom. Illi t-Tribunal jissottolinea illi llum il-gurnata m'ghadhiex tezisti l-posizzjoni ta' Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja u ghalhekk qieghed jordna li l-okkju jigi korrett ghal "Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali." Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-intimati msemmija ghandhom ragun f'din l-eccezzjoni. Huwa biss il-Kummissarju intimat li ghandu l-poter ai termini tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali) li johrog licenzji jew igedded licenzji ta' gwardjani privati jew lokali. Kwindi l-Ministri intimati m'ghandhom l-ebda poter decizjonali fir-rigward, u wisq

inqas ezercitaw xi diskrezzjoni fir-rigward tad-decizjoni appellata. Kwindi t-Tribunal qieghed jilqa' t-tielet eccezzjoni u jillibera lill-Ministri intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Sorvolati l-eccezzjonijiet preliminari, it-Tribunal sejjer issa jinvesti l-mertu tal-appell.

Illi r-rikorrent isejjes l-appell tieghu fuq il-fatt li, skond hu, d-decizjoni tar-rifjut hija ingusta, irragjonevoli u bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti u kif ukoll sproporzjonata.

Illi meta l-Kummissarju intimat ikollu kaz bhal dak odjern huwa tabilfors irid jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar kif se jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi fid-Dritt Amministrattiv huwa principju assodat li *"a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably".*[7] Fis-sentenza ***Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation*** ([1948] 1 KB 223 at 229) Lord Greene MR osserva li*: it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v. Poole Corporation gave the example of the redhaired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.'*[8]

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[9] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita jekk l-applikant hux

---

[7] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 295.
[8] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303.
[9] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389

persuna idonea *o meno* ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi issa, mid-dokumenti esebiti, jirrizulta illi r-reati mwettqa mir-rikorrenti, ghalkemm m'ghandhomx x'jaqsmu max-xoghol ta' gwardjan privat, huma ta' certa entita`. Ir-reat ta' mohqrija ta' annimal, il-fatt li r-rikorrent kellu fil-pussess tieghu tjur li l-kacca jew iz-zamma taghhom hija wahda pprojbita u wkoll il-fatt li ffabrika arma minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija huma reati gravi. Illi jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi illi r-rikorrent kienet inhargitlu l-licenzja *de quo* fl-2009 u baqghat tiggedded kull sena sar-rifjut odjern. Illi ghalhekk jirrizulta illi ghalkemm ir-reati ma kellhom xejn x'jaqsmu max-xoghol ta' gwardjan privat, jibqa' l-fatt li wettaqhom proprju meta kellu licenzja biex jezercita l-istess professjoni.

Illi gwardjan privat irid, fost affarijiet ohra, ikun ta' ezempju ghac-cittadin f'dak li ghandu x'jaqsam tharis ta' ligijiet u zamma tal-ordni. Certament dak li wettaq ir-rikorrent qajjem furur shih fis-socjeta` u s-socjeta` b'mod generali certament ma tarax fir-rikorrent xi xempju ta' protezzjoni jekk jinqala' l-kaz. Pero` lil hinn mill-percezzjoni li jista' jkollu l-pubbliku in generali tar-rikorrent, jibqa' l-fatt li dak li ghamel certament ma jirrendihx adattat biex jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Ghalkemm dan it-Tribunal jaqbel u jemmen illi bniedem li jkun zbalja ghandu jinghata cans jirriforma ruhu, inkluz fejn jidhlu opportunitajiet ta' xoghol, wiehed irid joqghod attent li c-cittadin jibqa' jkollu fiducja fil-gwardjani privati u lokali u jara fihom persuni responsabbli u ta' ezempju. Ghalkemm it-Tribunal kellu l-opportunita` jisma' lill-persuna li haddmet lir-rikorrent ghal xi xhur, dan mhux bizzejjed biex jikkonvinci lil dan it-Tribunal li huwa jista' jkun fdat biex jezercita' l-professjoni ta' gwardjan privat. Ir-responsabbiltajiet ta' gwardjan privat huma ferm iktar oneruzi mix-xoghol imwettaq mir-rikorrent mal-Kumpanija F.M. Core.

Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li l-Kummissarju intimat ezercita b'mod gust id-diskrezzjoni konferita lilu.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrent qajjem il-punt li l-Kummissarju intimat naqas milli jaghti ragunijiet ghad-decizjoni tieghu.
Fl-istess nota jirrileva illi r-raguni tar-rifjut tal-Kummissarju intimat wasslu biex ma jkunx f'posizzjoni li jintavola appell bi piena konoxxenza tal-mertu tar-rifjut. Ir-rikorrent jigbed b'analogija ghall-kaz tieghu il-kaz fl-ismijiet **Anton Mario Sciberras vs Kummissarju tal-Pulizija**[10]**.** F'dik is-

[10] Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) 6 ta' Mejju 2014

sentenza, it-Tribunal diversament presjedut, kien awspika li meta l-Kummissarju intimat jaghti d-decizjoni tieghu f'kazijiet simili huwa jaghti spjegazzjoni aktar dettaljata milli semplicement jiddikjara li applikazzjoni giet rifjutata a bazi ta' l-interess pubbliku. Illi dan rega' gie awspikat minn dan it-Tribunal ricentement fis-sentenza fl-ismijiet **Jody Pisani vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-13 ta' Novembru 2014.

Illi dan it-Tribunal jerga' jawspika dak ribadit fid-decizjonijiet su citati pero` ma jhossx li r-rikorrent kien totalment fid-dlam meta waslitlu d-decizjoni tar-rifjut. Huwa kien ben konsapevoli tas-sentenza kriminali fil-konfront tieghu u ghaldaqstant ma jistghax jinghad illi dan l-appell kien xi qabza fid-dlam.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi:-

1. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg eccezzjonijiet stante li dawn gew sorvolati fil-mori ta' dawn il-proceduri;
2. Jilqa' t-tielet eccezzjoni u jillibera lis-Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja illum il-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali, u lill-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali mill-osservanza tal-gudizzju;
3. Jilqa l-eccezzjonijiet l-ohra kollha u kwindi jichad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju intimat datata 13 ta' Novembru 2013.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

___________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**